MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 122/2023 LM

**Pretty Rose Apiag (K.I. nru. 272232(A))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Absolute Services Limited (C 68516)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Absolute Services Limited (C 68516)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni preliminari [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni preliminari appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-6 ta' Diċembru, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 4184/CC deċiżjoni nru. 2960, fejn it-Tribunal

ċaħad l-eċċezzjoni preliminari tagħha fil-konfront tar-rikors imressaq mir-rikorrenti **Pretty Rose Apiag (K.I. nru. 272232(A))** [minn issa l quddiem 'l-appellata'], u filwaqt li ddikjara li l-imsemmi rikors kien tressaq *entro termine,* ordna l-prosegwiment tal-każ fejn is-soċjetà appellanta kellha tibda tressaq il-provi tagħha.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg tal-appellata mas-soċjetà appellanta bħala *full-time live-in carer,* skont dawk il-kundizzjonijiet imfissra fil-kuntratt ta' impjieg tal-10 ta' Marzu, 2021[1], u liema kuntratt kien magħmul għal perijodu ta' tliet snin. Wara madwar sena mid-data tal-impjieg tagħha, l-appellata nqabdet tqila, u għalhekk kien għall-ħabta ta' Diċembru 2022 li nfurmat lis-soċjetà appellanta b'dan l-avveniment. Ġara li l-appellanta naqset milli tapplika għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tagħha, u min-naħa tagħha l-appellata mingħajr ma kienet taf x'kien ġara, irċeviet *acknowledgement* mingħand Jobsplus tal-formula ta' tmiem tal-impjieg tagħha fit-13 ta' Jannar, 2023.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata għalhekk istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Ġunju, 2023, permezz ta' rikors fil-konfront tas-soċjetà appellanta, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex:

[1] Dok. A *a fol.* 9 tal-atti tat-Tribunal.

*"... prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment neċessarju jew opportun:*

*a. Jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti mis-soċjetà konvenuta itterminat l-impjieg tagħha qabel iż-żmien ta' tlett snin hekk kif speċifikat fil-kuntratt mingħajr ebda raġuni valida u suffiċjenti skont il-Liġi;*

*b. Jiffissa u jillikwida somma pagabbli mis-soċjetà intimata li hija daqs nofs il-paga kollha li għaliha s-soċjetà intimata kellha il-jedd li tħallas lir-rikorrenti kieku hija baqgħat fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem u dan a tenur tal-artikolu 36(12) tal-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*c. Jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata skont it-tieni talba (b);*

*d. Jordna lil kumpannija konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrenti pagament* ex-gratia *tal-*maternity leave *li hija tilfet kif ukoll l-inkonvenjenza biex hija ssib xogħol ġdid wara li ġie terminat b'mod inġust u abbużiv;*

*e. Jogħġbu jiddeċiedi u jordna dawk il-miżuri u l-provvedimenti kollha meħtieġa li tagħtih il-liġi inkluż l-imposizzjonijiet ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija konvenuta.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet billi ppreżentat ir-risposta tagħha fit-12 ta' Settembru, 2023, fejn iddikjarat is-segwenti: (a) preliminarjament l-azzjoni kienet preskritta a tenur tas-subartikolu 75(3) tal-Kap. 452; (b) fil-mertu, kif imfisser fit-tweġiba, kien hemm raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi sabiex il-prinċipal jittermina l-impjieg, u għalhekk ma kien hemm l-ebda kumpens dovut lill-appellata.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> *"Fir-risposta tagħha għar-rikors promotur ippreżentat mill-Avv. Adrian Sciberras f'isem l-Appellanti, l-Avv. Rebecca Mercieca għan-nom tas-Soċjetà ntimata allegat li l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal kienet* fuori termine. *Ir-rikors promotur kien ippreżentat mill-Appellanti nhar it-23 ta' Ġunju 2023.*
>
> *Min-naħa tas-soċjetà ntimata jingħad li l-impjieg tal-Appellanti ġie fi tmiemu fit-13 ta' Jannar 2023 kif indikat fil-JobsPlus* Employment History *tal-Appellanti, mentri l-Appellanti tiddikjara illi hija ħadmet u tħallset sa Marzu 2023.*
>
> *Iż-żewġ Avukati f'isem il-partijiet ittrattaw dwar jekk ir-rikors promotur kienx ippreżentat fiż-żmien stipulat skont Kap 452 jew le.*
>
> *L-Art.75(3) tal-Kap 452 jgħid li* 'kull referta.... għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni...u għandha fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat'.
>
> *Fid-dawl ta' dak li xehdu quddiem dan it-Tribunal kemm mill-Appellanti u anke mill-* Managing Director *tas-soċjetà ntimata Joseph Gauci, dan it-Tribunal jagħraf li l-impjieg tal-Appellanti ġie mitmum f'Marzu 2023 u mhux fit-13 ta' Jannar 2023 kif hemm skorrettament indikat fil-JobsPlus* Employment History *tal-Appellanti.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal Industrjali ma jilqax l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà ntimata u jiddikjara li r-rikors promotur kien imressaq* entro termine *u għaldaqstant jordna l-prosegwiment tal-każ billi s-Soċjetà ntimata tibda bil-provi."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-22 ta' Diċembru, 2023, fejn talbet għar-revoka u għat-tħassir tad-deċiżjoni preliminari, u sabiex tintlaqa' l-eċċezzjoni preliminari tagħha għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser.

7. L-appellata wieġbet fid-29 ta' April, 2023, fejn filwaqt li ssollevat in-nullità tal-azzjoni ntavolata mis-soċjetà appellanta stante tardività fil-preżentata tagħha, u għaliex ukoll ma saritx fuq punt ta' liġi kif jitlob is-subartikolu 82(3)

tal-Kap. 452, sostniet li d-deċiżjoni preliminari hija ġusta u għalhekk timmerita konferma.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex ammissibbli ai termini *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. L-appellata tikkontendi li l-imsemmi appell ġie ntavolat wara t-terminu perentorju u ta' dekandenza ta' tnax-il jum kif stabbilit minn dak is-subartikolu. Tirrileva li waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2023, it-Tribunal kien informa lis-soċjetà appellanta li t-terminu tal-appell kien beda jiddekorri minn dakinhar stess, iżda l-appell tagħha sar fit-22 ta' Diċembru, 2023 jew sbatax-il jum wara.

Il-Qorti tgħid li l-appellata għandha raġun u m'hemm l-ebda dubju dwar it-tardività tal-appell odjern. Id-deċiżjoni preliminari ngħatat fis-6 ta' Diċembru, 2023, u l-appell odjern sar fit-22 ta' Diċembru, 2023, jiġifieri sittax-il jum wara l-imsemmija deċiżjoni preliminari, fejn is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 b'mod ċar jistabbilixxi terminu ta' tnax-il jum.

Għalhekk il-Qorti tikkunsidra l-appell odjern bħala wieħed irritu u null.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell odjern tardiv, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu, filwaqt li tordna**

**li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan ikompli jisma' u jiddeċiedi t-talbiet tal-appellata.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**